**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 123/2019**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Oscar Robert Magri**

Illum 30 ta' Settembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Oscar Robert Magri, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 243886(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużati talli fil 15 ta' Novembru 2018 għall-ħabta ta' bejn 06.30 hrs u 13.30 hrs u fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Gżejjer Maltin;

1. Ġab ruħu b'tali mod li ta fastidju lil Monica Christine Micallef u b'mod li kien jaf jew imissu kien jaf li dak li għamel kien ta' fastidju għall-Monica Christine Micallef.

2. Bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Monica Christine Micallef tibża li se tintuża vjolenza kontra tagħha u/jew kontra l-propjeta tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-25 t'April, 2019 u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 251A(1)(a)(b) u 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Oscar Robert Magri mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu, iżda sabitu ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor għal żmien sentejn ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lil Oscar Robert Magri ir-responsabbilitajiet tiegħu skond is-sentenza mogħtija.

Bis-saħħa u ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-ħati Oscar Robert Magri billi pprojbiet u rrestrinġiet lill-istess Oscar Robert Magri milli javviċina, jikkuntattja, jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Monica Christine Micallef għall-perjodu ta' sentejn li jibdew jiddekorru mill-mument li l-kawża tgħaddi in ġudikat.

Rat ir-rikors tal-appellant Oscar Robert Magri ppreżentat fit-3 ta' Mejju, 2019, fejn talab lil din l-Qorti:

(a) Tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lil Oscar Robert Magri ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u minflok tilliberah minn din l-akkuża, jew alternattivament ;

(b) Tirrevoka u tħassarha f'dik il-parti fejn applikat l-Artikolu 412 Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' Oscar Robert Magri.

(c) Tikkonfermaha fil-bqija.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet ix-xhieda.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-appell minnu ntentat l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha u dan meta ghazlet li taghti affidament lil verzjoni moghtija mill-parti leza u skartat il-verzjoni tieghu tal-fatti tal-kaz bhala wahda inverosimili. Isostni illi huwa kien fl-akwati ta' San Gwann minhabba n-natura tax-xoghol tieghu. Ukoll jilmenta illi ma kien hemm ebda prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li rabtet it-telefonata anonima li saret mal-persuna tieghu, ghalkemm setghet originat mill-post tax-xoghol tieghu.

Ezaminati mill-gdid l-atti u mismugha l-verzjoni tal-ko-litigandi f'din il-vertenza, jirrizulta illi nhar is-17 ta' Novembru 2018 għall-ħabta tal-11:00am, l-parti leza rrappurtat lil pulizija li l-appellant kien qieghed jippersegwietha u jimxi warajha kull fejn tkun, ghalkemm ir-relazzjoni li kien hemm bejniethom kienet intemmet xi snin qabel. Ilmentat illi jumejn qabel, filwaqt li kienet qed tipprova tipparkja l-vettura tagħha biswit il-post fejn taħdem (Golden Gates, San Ġwann), innutat l-vettura li l-appellant juza ghax-xogħol tiegħu ma' Alf. Mizzi & Sons bin-numru ta' reġistrazzjoni NQZ498 fl-akwati. Kif indunat b'dan hi marret sabiex tipparkja band' oħra. L-appellant, izda, beda jgħajtilha biex jipprova jattiralha l-attenzjoni iżda hi njoratu u baqgħet għaddejja. Dan, izda, ma qatax qalbu u beda jteptep id-dwal tal-karrozza tiegħu u kif l-parti leza pparkjat il-vettura taghha u bdiet miexja lejn l-post tax-xoghol tagħha, l-appellant beda jsuq warajha bil-mod u baqa' isegwieha sakemm hi daħlet fl-uffiċju tagħha. Hi rrapurtat ukoll illi aktar tard fl-istess jum, irċeviet telefonata fuq it-telefon tagħha tax-xogħol fejn kif weġbitu ma kellimha ħadd iżda bdiet tisma' ħsejjes bħal nifsijiet. Kif nqatghet il-linja hi ċemplet in-numru lura minn fejn kienet gejja t-telefonata fejn irriżulta li din kienet originat mis-soċjeta' Alf Mizzi & Sons li hija l-istess

soċjetà fejn jaħdem l-appellant. Fl-ghodwa li hija ghamlet ir-rapport lil pulizija l-parti leza kienet regghet innutat il-vettura tal-appellant ipparkjata biswit ir-residenza tagħha allavolja dakinhar ma kinitx rat l-appellant personalment. Ilmentat ukoll mal-pulizija illi dawn ma kenux l-unici okkazzjonijiet meta l-appellant kien sewga l-passi taghha u li kien ġieli ġab ruħu b'dan il-mod drabi qabel.

Meta l-appellant ġie mitkellem mill-pulizija huwa ċaħad dawn l-allegazzjonijiet kollha fejn qal li hu ilu ma jikkomunika mal-kwerelanti minn mindu temmew ir-relazzjoni tagħhom snin qabel. Stqarr ukoll illi hu jaħdem bħala *salesman* mas-soċjeta' Alf. Mizzi & Sons fejn ikollu diversi rotot u mhux rotta fissa u jdur ma' Malta kollha bil-vettura tax-xogħol tiegħu. Saħaq ukoll illi hu ma jafx fejn taħdem l-parti leza bħalma lanqas jaf fejn toqgħod.

Ikkunsidrat:

Issa minn qari tas-sentenza appellata jidher illi meta l-Ewwel Qorti giet biex tizen il-verzjonijiet opposti moghtija mil-ko-litigandi hadet qies fuq kollox tal-komportament ta' dawn z-zewg protagonisti, kif isejjhilhom l-istess qorti, ta' din il-vicenda u dan meta offrew id-deposizzoni taghhom fil-Qorti. Issa din il-Qorti kellha wkoll l-opportunita' li tisma' x-xiehda tal-appellant u tal-parti leza fejn huma offrew l-istess verzjoni bhal dik moghtija in prim'istanza, kif ukoll bhal verzjonijiet moghtija lil pulizija *a tempo vergine*.

Illi ta' rilevanza huwa l-fatt mhux ikkontestat illi l-vettura li l-parti leza tghid li osservat issewgi l-passi taghha kienet dik il-vettura li l-appellant juza fil-kors tax-xoghol tieghu bin-numru ta' registrazzjoni NQZ498. dan ighidu *ex admissis* ukoll l-appellant li din il-vettura tkun dejjem misjuqa minnu. Illi ghalkemm l-appellant jikkonferma li kien fl-akwati ta' San Gwann kif tallega l-parti leza, madanakollu ma jaghti l-ebda spjegazzjoni ghal presenza tieghu ukoll quddiem ir-residenza tal-ex siehba tieghu. Ighid biss illi huwa la jaf fejn tahdem Micallef u lanqas fejn tirrisjedi. Lanqas ma jaghti spjegazzjoni 'il ghala ghalkemm kellu lista ta' hwienet fejn kellu jaghmel il-konsenji f'dik l-

ghodwa, kellu proprju joghqod idur wara l-parti leza u isegwi l-passi taghha sakemm wasslet fil-post tax-xoghol taghha. Illi din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti qabilha tistqarr illi ma tistax taghti affidament lill-appellant. Tqies illi l-appellant kien qed isewgi l-passi tal-parti leza f'iktar minn okkazzjoni wahda. Din il-verzjoni tal-fatti tal-parti leza baqghet wahda konsistenti kemm meta rrappurtat din il-vicenda lil pulizija, kemm meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti u anke issa fi stadju ta' revizjoni. Jidher illi ghalkemm ir-relazzjoni ta' bejn il-ko-litigandi kienet ilha li ntemmet xi zmien qabel, l-appellant ma setax jaccetta dan il-fatt u baqa' isewgi l-passi tal-ex siehba tieghu.

Illi dan l-agir tal-appellant jikkostitwixxi 'l hekk imsejjah *course of conduct* li titkellem dwaru l-gurisprudenza tal-qrati taghna meta inghatat interpretazzjoni ta' dak li jikkostitwixxi r-reita' tal-persuna mixlija bir-reat tal-fastidju mahsub fl-artikolu 251A(1)(2) tal-Kapitolu 9.

Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi issanzjonata dik l-imġieba li tista' toħloq fastidju, għalkemm l-ebda definizzjoni ma tingħata lil dan it-terminu legali.

> **"Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:**
>
> **'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual**

**which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable**

**Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater theri separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon.[1]"**

Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi għandu joħroġ illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi joħloq fastidju lil vittma bl-imġieba tiegħu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imġieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa.

**"L-artikolu 251A joħloq ir-reat ta' persuna li ġġib ruħha b' mod li tagħti fastidju lil persuna oħra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna. .... Il-liġi fis-sub-inċiż (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iġġib ruħha b' mod dubbjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra. Fis-subinċiż (3)( c ) il-liġi tkompli tgħid li persuna akkużata b' reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wieħed jagħti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.[2].**

Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn:

**'...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bħala :-**

---

[1] App. Inf. il-Pulizija vs Carmelo Vella – 14/05/2012

[2] Il-Pulizija vs Massimo Tivisini

**"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",**

**...dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss għall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-**

**".... f' każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq perijodu ta' żmien."**

Espost dan it-taghlim gurisprudenzjali fid-dawl tal-provi prodotti huwa indubitat, kif inghad, illi l-agir ripetut u persistenti tal-appellant li baqa' isewgi il-passi tal-ex siehba tieghu wara li intemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom qed johloq vessazzoni u dwejjaq fil-parti leza tant illi din wasslet sabiex taghmel rapport lil pulizija. L-parti leza tindika kif anki qabel il-ħmistax ta' Novembru 2018, l-appellant ġieli kkomporta ruħu b'dan il-mod, tant illi indikat quddiem din il-Qorti li kienet taraħ madwar darbtejn fil-ġimgħa qrib il-post tax-xogħol tagħha bil-vettura tax-xogħol tiegħu. Illi ghalkemm kif jikkontendi l-appellant l-incident li sehh fis-17 ta' Novembru 2018 meta l-appellant deher ipparkjat bil-vettura tieghu vicin ir-residenza tal-parti leza ma jinkawdrax ruhu fid-dati indikati fl-akkuza, madanakollu xortawahda l-att materjali tar-reat jissussisti gjaldarba jirrizultaw incidenti fid-dati indikati fl-istess akkuza li jammontaw ghal 'hekk imsejjah *course of conduct* li trid il-ligi u kwindi r-reita xortawahda tirrizulta ppruvata. Ghaldaqstant l-aggravji marbuta mal-mertu qed jigi michuda.

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal biss l-aggravju interpost mill-appellant li jitratta l-applikazzjoni tal-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tieghu. Jilmenta illi din l-Ordni ma tindikax ir-raġunijiet li abbazi taghhom inharrget u kwindi mhijiex konformi mal-ligi.

Illi din il-Qorti f'diversi okkazzjonijiet sahhqet illi l-artikolu 412C isib applikazzjoni biss *pendente lite*. Dan ghaliex tali Ordni tista' tinhareg biss fil-konfront ta' persuna "akkuzata" u mhux ukoll kontra l-persuna misjuba "hatja" u dan fit-termini ta'l-istess disposizzjoni tal-ligi. Illi l-Qorti ghandha s-setgha biss illi mad-decizjoni finali taghha tordna il-hrug ta' Ordni ta' Trazzin fit-termini tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-Ordni mahruga fit-termini ta'l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali ma sibx applikazzjoni f'kaz ta' sejbien ta' htija u, ghalkemm, ghal motivi differenti minn dawk indikati fir-rikors ta'l-appell, se tigi revokata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tilqa l-appell *in parte*, tghaddi ghalhekk biex filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant gie misjub hati tal-ewwel imputazzjoni u fejn gie illiberat mit-tieni imputazzjoni, tikkonfermaha ukoll fejn gie applikat fil-konfront tieghu il-provvediment indikat fl-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sentejn li ghandhom jibdew jiddekorru mil-lum, tirrevokaha, izda, fejn giet mahruga Ordni ta' Protezzjoni fit-termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk thassar din l-Ordni hekk imposta.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur